

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

FINALI
A6-0129/2007

4.4.2007

RAPPORT

dwar l-evalwazzjoni ta' l-Euratom - 50 sena ta' Politika Nukleari Ewropea
(2006/2230(INI))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Eugenijus Maldeikis,

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW **Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA **Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI **Error! Bookmark not defined.**

PROCĊEDURA22

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-evalwazzjoni ta' l-Euratom - 50 sena ta' Politika Nukleari Ewropea (2006/2230(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika ("it-trattat Euratom), iffirmit f'Ruma fil-25 ta' Marzu 1957,
- wara li kkunsidra l-Preambolu msejjaħ Trattat, waqt li jfakkar l-iskop inizjali tiegħu meta twaqqfet "Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika sabiex toħloq kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' industrija nukleari b'saħħitha - sors ta' enerġija vast u disponibbli u għall-immodernizzar ta' tekniki kif ukoll diversi applikazzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-benesseri tal-popli",
- wara li kkunsidra l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u speċjalment id-deliberazzjoni tagħha ta' l-14 ta' Novembru 1978, u s-sentenza tagħha tat-22 ta' April 1999 u s-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Diċembru 2002,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar 2007 "Politika ta' l-Enerġija Komuni għall-Ewropa" (COM(2007)0001),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Programm Indikattiv Nukleari ippreżentat għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali bbażat fuq l-Artikolu 40 tat-Trattat Euratom", (COM(2006)0844),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar l-istrateġija Ewropea għal enerġija sostenibbli, kompetittiva u sikura - Green paper¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija fl-Unjoni Ewropea²,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jstabilixxi Strument għas-Sikurezza Nukleari u l-Assistenza fis-Sigurtà³,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' tagħbija ta' skart radjuattiv u fjuwil nukleari użat⁴,

¹ Testi Adottati, P6_TA(2006)0603

² ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 112.

³ Testi Adottati, P6_TA(2006)0599.

⁴ Testi Adottati, P6_TA(2006)0300

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill relatata mas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta' riċerka u taħriġ fil-qasam nukleari (2007 sa 2011)¹,
 - wara li kkunsidra l-pużizzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2006 dwar proposta għal regolament tal-Kunsill (Euratom) li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni ta' intrapriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u għat-tixrid tar-riżultati ta' riċerka (2007-2011),
 - wara li kkunsidra l-pużizzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2006 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-programm speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2011) tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għall-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ fil-qasam nukleari,
 - wara li kkunsidra l-pużizzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2006 dwar propsta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-programm speċifiku li għandu jiġi mwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2011) tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għal attivitajiet ta' riċerka u taħriġ fil-qasam nukleari,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 9 dwar l-impjant ta' enerġija nukleari Bohunice V1 fl-Islovakkja, kif annessa għall-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, iċ-Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2005 dwar l-użu ta' riżorsi finanzjarji mmarkati għaż-żarmar ta' impjanti ta' l-enerġija nukleari,
 - wara li kkunsidra l-deliberazzjonijiet tas-smiġh pubbliku organizzat mill-Kumitat tiegħu għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija dwar is-suġġett fl-1 ta' Frar 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0000/2007),
- A. billi, għalkemm it-Trattati ta' l-UE kemm-il darba saritilhom reviżjoni bir-reqqa fid-dawl ta' ħtiġijiet u sfidi ġodda, it-Trattat Euratom ġie emendat darba biss f'50 sena storja² u fl-istess waqt, id-dispożizzjonijiet ewlenin u s-sustanza ewlenija baqgħu kif kienu,
- B. billi, minkejja li t-Trattat Euratom ġie kemm kemm modifikat biss f'dawn l-aħħar 50 sena, ġab miegħu volum sostanzjali ta' leġislazzjoni sekondarja fuq l-istess perjodu ta'

¹ Testi Adottati, P6_TA(2006)0266.

² Permezz tat-Trattat għal Unjoni Ewropea ffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992.

żmien u kien is-suġġett ta' numru konsiderevoli ta' sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li, pereżempju, wessgħu b' mod sostanzjali l-iskop oriġinali tat-Trattat Euratom,

- C. billi t-Trattat Euratom introduċa standards ta' sikurezza stretti għall-immaniġġjar ta' elementi u skart ta' fjuwil radjoattiv fl-Unjoni Ewropea, huwa jistabbilixxi standards ta' sikurezza uniformi għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku, kif ukoll proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards, u jopponi kull proliferazzjoni ta' materjal nukleari għal skopijiet militari,
- D. billi t-Trattat Euratom joffri qafas legali komprensiv u koerenti għall-użu ta' l-enerġija nukleari fl-Ewropa skond kundizzjonijiet sikuri għall-benefiċċju ta' l-Istati Membri kollha,
- E. billi bosta Stati Membri qatt ma żviluppaw għażla nukleari, oħrajn għandhom politika għal irtirar gradwali u oħrajn għandhom qed ikomplu jappoġġjaw is-settur nukleari tagħhom,
- F. billi, fl-abbożż tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa (it-Trattat Kostituzzjonali), il-Konvenzjoni pproponiet li t-Trattat Euratom għandu jkun isseparat mill-istruttura legali tal-Kostituzzjoni futura; billi l-Konvenzjoni, fil-ħidma tagħha dwar il-futur ta' l-Unjoni Ewropea u l-iffirmar tat-Trattat Kostituzzjonali, żammet id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom fl-istat attwali f' forma ta' protokoll anness,
- G. billi l-Ġermanja, l-Irlanda, l-Awstrija, l-Ungerija u l-Iżvezja żiedu dikjarazzjoni mat-Trattat Kostituzzjonali li tgħid li d-dispożizzjonijiet ewlenin tat-Trattat Euratom jeħtieġ li jiġu aġġornati u jappellaw biex titlaqqa' "kemm jista' jkun malajr" konferenza għal reviżjoni,
- H. billi t-tkabbir reċenti saħħaħ id-diversità tat-territorju ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' l-enerġija nukleari u l-ħtieġa ta' azzjoni komunitarja fil-qasam nukleari,
- I. billi l-50 anniversarju tat-Trattat Euratom jipprovdi lill-Parlament l-opportunità li jikkunsidra l-kontenut u r-relevanza tiegħu u jesprimi t-ħassib tiegħu li d-dispożizzjonijiet prinċipali tat-Trattat Euratom ma ġewx emendati minn meta daħal fis-seħħ 50 sena ilu,
- J. billi dawn ir-riflessjonijiet dwar il-permanenza tat-Trattat Euratom ma jistgħux jiġu diżassoċjati mill-għanijiet li l-Kummissjoni qed tipprova tilħaq favur politika Ewropea ta' l-enerġija li hija aktar sikura, aktar sostenibbli, aktar kompetittiva u tikkontribwixxi fil-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima, kif stabbilit reċentement mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar 2007,

50 Sena tat-Trattat Euratom

- 1. Jinnota li mill-1957 u mill-iffirmar tat-Trattat Euratom, l-Unjoni Ewropea hija fuq quddiem nett fid-dinja fl-industrija nukleari u waħda mill-parteċipanti ewlenin tar-riċerka nukleari fl-oqsma tal-fissjoni u tal-fużjoni termonukleari kkontrollati; jinnota li l-industrija Ewropea hija preżenti fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari kollu u żviluppat teknoloġiji

lokali, li uħud minnhom, bħall-arrikiment permezz ta' ultraċentrifugazzjoni, huma r-riżultat ta' sħubiji fil-livell Ewropew;

2. Jinnota li l-kontroll kważi totali taċ-ċiklu tal-fjuwil ta' l-industrija nukleari ta' l-Unjoni Ewropea joffri lill-Unjoni, f'dan iż-żmien ta' dibattitu dwar id-dipendenza fuq l-enerġija, garanziji ta' indipendenza industrijali u teknoloġika, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-arrikiment tal-fjuwil;
3. Jinnota li grazzi b'mod partikulari għat-Trattat Euratom, l-enerġija nukleari fl-aħħar ta' l-2006 kienet qed tipproduċi minn 152 reattur fi 15 -il Stat Membru, 32% ta' l-enerġija elettrika fl-Ewropa li jfisser, l-ikbar sehem ta' enerġija elettrika li ma tipproduċix karbonju fl-Unjoni Ewropea u hija wieħed mis-sorsi l-aktar kompetittivi tagħha, b'tali mod li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika ta' l-enerġija Ewropea, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar 2007 imsemmija hawn fuq;
4. Jirrimarka li f'dak li jirrigwarda l-għlieda kontra l-bidla fil-klima, il-Kummissjoni, fil-Green Paper tagħha "Lejn Strateġija Ewropea għas-sigurtà tal-forniment ta' l-enerġija" (COM(2000)769) stmat li l-enerġija nukleari fl-2010 tista' tiffranka aktar minn 300 miljun tunnellata ta' emmissjonijiet ta' CO₂, "l-ekwivalenti ta' l-emmissjonijiet ta' CO₂ prodotti minn madwar 100 miljun karozza"; ifakkar li, fl-Anness I tal-Komunikazzjoni tagħha ta' l-10 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni qieset li l-enerġija nukleari hija l-inqas sors ta' enerġija li tipproduċi karbonju wara l-enerġija prodotta mir-riħ 'il barra mill-kosta u l-enerġija idroeletrika prodotta fi skala żgħira;
5. Jinnota li l-pajjiżi fundaturi tal-Euratom stipulaw serje ta' dispożizzjonijiet f'għaxar kapitoli bil-mira li jillimitaw b'mod strett l-iżvilupp ta' l-enerġija nukleari fi ħdan l-Unjoni, u li dawn id-dispożizzjonijiet xorta għadhom japplikaw u huma msaħħa b'mod kontinwu hekk kif il-leġiżlazzjoni hija adottata fuq il-bażi tat-Trattat Euratom u jwettqu kontribuzzjoni importanti għall-operazzjoni sikura tal-faċilitajiet nukleari fl-Ewropa;
6. Jinnota li l-kunsens ta' l-1957 dwar l-enerġija nukleari ma' għadux jeżisti bejn l-Istati Membri;
7. Jinnota li l-aspettattivi fir-rigward ta' l-enerġija nukleari, għal liema, it-Trattat Euratom esprima lilu nnifsu ħamsin sena ilu, inbiddu; jinnota li fil-preżent daww l-aspettattivi iktar jirrelataw mal-bżonn li jkun hemm, f'forma tat-Trattat Euratom, qafas legali sod biex imexxi s-superviżjoni ta' l-użu ta' l-enerġija nukleari fl-Unjoni Ewropea u biex jipprovdi qafas għall-integrazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' pajjiżi li jużaw l-enerġija nukleari, permezz tat-traspożizzjoni ta' l-acquis communautaire ta' l-Euratom; jirrikonoxxi li kapitoli sinifikanti fit-Titolu II tat-Trattat Euratom ippermettew il-ħarsien tal-pubbliku, tal-ħaddiema u ta' l-ambjent minn radjazzjoni ijonizzata (Kapitolu 3), l-iżvilupp ta' riċerka fl-oqsma ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart u tas-sikurezza ta' l-impjanti (Kapitolu 1) u biex jiġu implimentati salvagwardji fir-rigward ta' materjali fissili fl-Ewropa (Kapitolu 7);
8. Jinnota li attivitajiet tal-bidu ta' riċerka kienu fil-bidu żviluppatti skond il-qafas tat-Trattat Euratom (Kapitolu I), u li dan wassal ukoll għall-ħolqien taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt, l-ewwel stabbiliment tar-riċerka ta' l-UE; iħeġġeġ sabiex ikun hemm inklużjoni ta'

programm dwar ir-riċerka u l-iżvilupp nukleari fil-baġit tal-programm ġenerali ta' qafas dwar ir-riċerka u suġġett għall-istess skrutinju u dmir ta' responsabilità pubblika bħall-programmi l-oħra kollha ta' riċerka;

9. Iqis li l-leġiżlazzjoni żviluppata skond il-Kapitolu III tat-Trattat Euratom (dwar il-protezzjoni tas-saħħa) għandha tibqa' skond ir-responsabilità ta' l-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura li l-istandards bażiċi għall-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali jkunu applikati u mwessgħa sabiex jinkludu l-ambjent, u li tqis b'mod evoluttiv ir-riżultati ta' studji xjentifiċi internazzjonali;
10. Jinnota li l-iskop ta' din il-leġiżlazzjoni mhux limitat għar-reġjuni fejn joperaw impjanti nukleari imma jinkludi wkoll il-protezzjoni ta' l-Isati Membri tal-viċinanza u tal-pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea, b'riżultat ta' kontrolli kontinwi fuq l-iskariki ta' skart radjuattiv u fuq l-adozzjoni ta' regoli dwar it-trasferiment ta' fjuwil u skart radjuattiv użat, dwar il-protezzjoni tal-katina alimentari, u dwar l-emerġenzi radjoloġiċi;
11. Jinnota li l-Kapitolu IV tat-Trattat Euratom (dwar l-investment) għandu l-għan li jikseb informazzjoni dettaljata, fil-livell Komunitarju, dwar pjanijiet ta' investment mill-Istati Membri;
12. Mandankollu, jinnota li meta kienu ppubblikati l-Programmi Nukleari Illustrattivi (PINC)s tagħha, il-Kummissjoni ma għamlitx evalwazzjoni reali tal-ħtiġijiet ta' l-investment nukleari b'mod partikulari fir-rigward tal-problemi ta' sigurtà tal-forniment ta' l-enerġija fil-għieda kontra l-bidla fil-klima u l-kompetittività ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-qawmien mill-ġdid madwar id-dinja ta' l-industrija nukleari;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon, madanakollu, l-eżistenza fit-Trattat Euratom tar-rekwiżit li jipprovdi dettalji ta' kwalunkwe investment ġdid fl-Ewropa fil-kamp nukleari, u li għalhekk jippermettilu li jkollu mappa sħiħa ta' l-attivitajiet nukleari fl-Unjoni Ewropea - rekwiżit speċifiku għall-industrija nukleari Ewropea;
14. Iqis li l-intrapriżi konġunti (Kapitolu V tat-Trattat Euratom) riedu jkunu strumenti ta' valur għall-implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi b'mod partikulari fil-qasam tar-riċerka, fejn dan l-istrument legali kien użat f'numru ta' okkażjonijiet, b'mod speċjali bit-twaqqif tal-Torus Ewropew konġunt f'Culham fl-1978 u, iktar riċenti, l-introduzzjoni ta' l-Entità Ewropea Legali sabiex jiġi implimentat il-proġett Reattur Internazzjonali Termonukleari Esperimentali (ITER);
15. Iqis li t-Trattat Euratom jippossedi, bil-ħolqien ta' Aġenzija (Kapitolu VI) responsabbli mill-provvediment għall-utenti fi ħdan l-Unjoni bi qbil mal-prinċipju ta' aċċess ugwali ta' materjali, strument li huwa essenzjali f'dawn iż-żminijiet ta' inkwiet minħabba s-sigurtà ta' provvista ta' enerġija;
16. Iqis li s-salvagwardji (Kapitolu VII) huma wieħed mis-suċċessi ewlenin ta' l-applikazzjoni tat-Trattat Euratom u jipprovdu lill-Kummissjoni bil-mezzi biex taċċerta l-istokks u l-movimenti ta' materjali nukleari fl-Unjoni Ewropea;

17. Jinnota li dawn is-salvagwardji jipprovdu wkoll garanzija reali għal pajjiżi li jipprovdu materjali nukleari rigward l-użu ta' dawn il-materjali, filwaqt li jikkumplementaw il-kontrolli ta' non-proliferazzjoni ta' l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika (AIEA);
18. Jinnota li fuq il-bażi tal-Kapitolu X tat-Trattat Euratom (dwar relazzjonijiet esterni), l-adeżjoni tal-Euratom f'numru ta' konvenzjonijiet internazzjonali, b'mod partikulari mal-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sikurezza ta' l-Immaniġġjar tal-Fjuwils Użati u dwar is-Sikurezza ta' l-Immaniġġjar ta' Skart Radjoattiv, ippermettiet lill-Komunità sabiex tipparteċipa fl-isforz internazzjonali relatat ma' dawn il-kwistjonijiet u sabiex tippromwovi l-avvanzi importanti miksuba fl-Unjoni Ewropea;
19. Jinnota wkoll li fuq il-bażi tal-Kapitolu X tat-Trattat Euratom, il-Euratom ikkonkludiet numru ta' ftehimiet ta' koperazzjoni fl-oqsma tar-riċerka, ipparteċipat fi proġetti internazzjonali bħal Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV dwar reatturi nukleari futuri u mexxiet negozjati internazzjonali dwar il-proġett ITER;

Dibattitu Istituzzjonali

20. Jinnota li d-dispożizzjonijiet prinċipali tat-Trattat Euratom ma ġewx emendati minn meta daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1958;
21. Jikkonferma li skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà hija r-responsabilità ta' kull Stat Membru individwali li jiddeċiedi jekk jiddependix jew le fuq l-enerġija nukleari;
22. Barra minn hekk jinnota li xi Stati Membri li jopponu biċ-ċar l-enerġija nukleari u ssieħbu mal-Komunitajiet (il-Komunità Ewropea u l-Euratom) qatt u bl-ebda mod ma kienu meħtieġa li jiżviluppaw enerġija nukleari fit-territorju tagħhom; jinnota, b'mod xieraq, li għal bosta snin kien aċċettat li t-Trattat Euratom, fil-promozzjoni ta' l-enerġija nukleari, ma jimponi ebda obbligu, iżda jistabbilixxi qafas legali għall-użu ta' kulħadd;
23. Jenfasizza li t-Trattat Euratom ma jfixkilx l-iżvilupp ta' suq intern ta' l-elettriku u, huwa inqas ta' ostakolu għall-moviment ħieles ta' prodotti, persuni u kapital; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-liġi ordinarja stipulata mit-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Trattat KE) tapplika għal attivitajiet nukleari u jinnota, permezz ta' eżempju, li l-moviment ta' materjal, tagħmir u teknoloġiji nukleari ġewwa u barra l-Unjoni Ewropea hu kopert minn regoli dwar is-superviżjoni ta' prodotti b'użu doppju, adottati fuq il-bażi tal-politika kummerċjali stabbilita fit-Trattat KE; iżid li l-leġiżlazzjoni tal-Euratom hi suġġetta għal-liġi tal-kompetizzjoni u għal regolamenti dwar l-ġhajnuna mill-Istat, kif hemm speċifikat fit-Titolu VI tat-Trattat KE; għalhekk, jikkonkludi li t-Trattat Euratom bl-ebda mod ma jikkostitwixxi qafas ta' protezzjoni għall-enerġija nukleari;
24. Jinnota li t-Trattat Euratom għandu joffri lill-pajjiżi li għażlu l-alternattiva nukleari, l-istrumenti għall-iżvilupp tiegħu (proġetti konġunti, appoġġ għar-riċerka u żvilupp u self tal-Euratom), iżda jakkumpanja d-dispożizzjoni ta' dawn l-istrumenti b'qafas legali

b'saħħtu (dwar il-ħarsien tas-saħħa, kontroll u provvista nukleari) sabiex l-Istati Membri li ma għażlux li jagħmlu proġett nukleari, jkunu assigurati għal darb'oħra;

25. Jinnota li l-qafas legali Euratom japplika wkoll, għall-ġid tal-Komunità, għal Stati Membri li ma jiġġenerawx enerġija nukleari iżda li għandhom reatturi nukleari għar-riċerka fit-territorju tagħhom u joffri lil Stati Membri bħal dawn strumenti (bħal riċerka Euratom u programmi ta' qafas għall-iżvilupp) li jippermettulhom li jirċievu fondi pereżempju fil-qasam tar-riċerka medika;
26. Iqis li, irrispettivament mid-diversità ta' perspettivi dwar l-enerġija nukleari, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom għenu biex tiġi evitata proliferazzjoni ta' materjali nukleari, u d-dispożizzjonijiet li jindirizzaw is-saħħa, is-sikurezza u l-prevenzjoni ta' kontaminazzjoni radjuattiva, kienu ta' benefiċċju kbir u għandhom jiġu kkoordinati b'reqqa mad-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza tat-Trattat KE;

Lakuni

27. Jiddispjaċih li l-iżvilupp tal-poteri tal-Parlament u b'mod partikulari l-estensjoni tagħhom sabiex jinkludu proċedura ta' kodeċizzjoni dwar il-maġġoranza tal-leġiżlazzjoni Ewropea, ma ġiex ikkunsidrat mit-Trattat Euratom; iqis li, minkejja l-karatteristika teknika tat-Trattat Euratom, il-Parlament hu intitolat li jiġi involut formalment fit-testi li l-bażi legali tagħhom hi t-Trattat Euratom;
28. Jara bħala evidenza ta' defiċit demokratiku mhux aċċettabbli l-fatt li l-Parlament hu kważi kompletament eskluż mill-proċess leġiżlattiv tal-Euratom u li hu kkonsultat biss u xejn iktar, fuq wieħed mill-għaxar kapitoli biss tat-Trattat Euratom;
29. Iżda jinnota li l-Parlament huwa assoċjat permezz tal-Ftehma Interistituzzjonali, man-negozjati dwar il-programm ta' qafas tal-Euratom għar-riċerka nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (Euratom FP); jinnota wkoll, fir-rigward tad-dokumenti li ġew ikkunsidrati reċentement fil-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (Euratom FP, id-direttiva dwar is-sorveljanza ta' ċaqliq transkonfinali ta' skart radjuattiv u fjuwil użat¹, l-Istrument għall-Assistenza Nukleari, u oħrajn simili), li għalkemm il-proċedura titlob li l-Parlament ikun ikkonsultat biss, l-emendi magħmula mill-Parlament Ewropew lit-testi tal-Euratom huma regolarment ikkunsidrati mill-Kunsill, parzjalment jew kollha; madankollu ma jikkunsidrax li dan jista' jitqies biżżejjed;
30. Jimmarka s-sinifikat ta' l-Artikolu 203 tat-Trattat Euratom, fis-sens li hu joffri flessibilità - bħall-ħolqien ta' Strument għall-Koperazzjoni Nukleari - sabiex jittieħdu inizjattivi leġiżlattivi li fil-bidu ma kienux maħsuba fit-Trattat Euratom; jikkunsidra li hemm il-ħtieġa li jkun eżaminat kif l-Artikolu 203 jista' jintuża biex jiġu żviluppati inizjattivi ġodda u, possibiliment, biex isiru aġġustamenti għat-Trattat Euratom;
31. Jiddispjaċih li hemm in-nuqqas ta' korp leġiżlattiv dwar standards armonizzati b'valur

¹ Direttiva tal-Kunsill 2006/0117/Euratom ta' l-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u kontroll ta' provvisti ta' skart radjuattiv u fjuwil użat (ĠU L 337, 5.12.2006, p. 21).

miżjud reali, partikularment paragonat mal-qafas internazzjonali eżistenti, għas-sikurezza nukleari, għall-immaniġġjar ta' skart radjuattiv u għaż-żarmar ta' impjanti nukleari;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu mill-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet irregolati mill-IAEA (il-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sikurezza ta' l-Immaniġġjar tal-Fjuwils Użati u dwar is-Sikurezza ta' l-Immaniġġjar ta' Skart Radjoattiv) u sabiex tqis l-evalwazzjonijiet, immexxija mill-Aġenzija għall-Enerġija Nukleari (NEA) ta' l-OECD, dwar l-aktar prattiki nazzjonali avvanzati fil-qasam ta' l-immaniġġjar ta' skart radjuattiv; jinnota li inizjattivi koordinati, bħal dawk meħuda mill-Assoċjazzjoni ta' Regolaturi Nukleari tal-Punent ta' l-Ewropa (WENRA), li għandhom l-għan li jiżviluppaw approċċ konġunt dwar is-sikurezza nukleari, huwa possibbli li jikkontribwixxu għal tfassil ta' bażi għal leġiżlazzjoni;
33. Jinnota li, kif konfermat mis-sentenza msemmija hawn fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-29/99 *Commission v Council*, il-Kummissjoni għandha poteri fil-qasam tas-sikurezza nukleari skond it-Trattat Euratom u li hija awtorizzata li tressaq proposti f'dan il-qasam;

Linjigwida għall-futur

34. Iqis li t-Trattat Euratom, minkejja l-imperfezzjonijiet tiegħu, għalissa jibqa' qafas bażiku legali indispensabbli, kemm għall-Istati Membri li jridu jiżviluppaw is-settur nukleari tagħhom, kemm għall-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw minn ħażna ta' armamenti protettivi legali għalihom infushom biss, għall-popolazzjonijiet tagħhom u għall-ambjent tagħhom;
35. Jindika l-fatt li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom huma fiċ-ċentru tad-dibattitu dwar kwistjonijiet industrijali marbutin ma' l-Istrateġija ta' Liżbona u kwistjonijiet dwar l-enerġija (b'mod partikulari mill-aspett tal-forniment), fi żmien meta l-Unjoni Ewropea qed tipprova tiddefinixxi taħlita ta' għażliet għall-enerġija Ewropeja, b'użu inqas ta' karbonju, li tkun kompetittiva u kemm jista' jkun 'domestika';
36. Itenni f'dan ir-rigward li bħalissa l-enerġija nukleari tipprovdi lill-Unjoni Ewropea bi 32% ta' l-elettriku tagħha, u li l-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha ta' l-10 ta' Jannar 2007 tqisha bħala waħda mis-sorsi prinċipali ta' l-enerġija ħielsa mis-CO₂ fl-Ewropa, u t-tielet l-irħas fl-Ewropa, mingħajr l-internalizzazzjoni ta' l-ispejjeż tas-CO₂; jikkunsidra, għalhekk, li l-Unjoni Ewropea, b'konformità mat-Trattat Euratom, għandha tiddefendi t-tmexxija industrijali u teknika tagħha fir-rigward tal-qawmien mill-ġdid b'saħħtu minn parteċipanti oħra ta' l-attivitajiet nukleari tagħhom (ir-Russja, l-Istati Uniti ta' l-Amerika) u l-apparenza ta' parteċipanti ġodda fid-dinja fil-kamp nukleari (iċ-Ċina u l-Indja) li se jkunu l-kompetituri ta' l-Unjoni Ewropea għal perjodu medju ta' żmien;
37. Iqis li l-assenza tal-qafas legali pprovdut mit-Trattat Euratom għandu jwassal għal nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-politika nukleari fl-Ewropa, li tkun pass lura għall-acquis communautaire, u żżid ir-riskju ta' l-inċertezza legali għas-27 Stat Membru

kollha;

38. Jistieden għall-prinċipji tal-kompetizzjoni ġusta u l-istess kundizzjonijiet għal sorsi ta' enerġija differenti biex jiġu rispettati;
39. Iqis li t-tħassir ta' kapitolu jew iktar mit-Trattat Euratom jew l-għaqda ta' ċerti dispożizzjonijiet fit-Trattat KE jiżbilanċjaw it-Trattat Euratom kollu kemm hu billi jdgħajfu s-superviżjoni ta' l-użu ta' l-enerġija nukleari fl-Ewropa; iżid li l-assenza ta' qafas legali koerenti jagħmilha aktar diffiċli għal Stati Membri futuri biex jadottaw l-acquis Euratom;
40. Iqis li s-superviżjoni ta' l-użu ta' l-enerġija nukleari fl-Ewropa, fir-rigward tal-karatteristiċi speċifiċi ħafna ta' dan is-sors ta' enerġija, teħtieġ iż-żamma ta' qafas legali dedikat bħat-Trattat Euratom, li għal 50 sena wera l-utilità tad-dispożizzjonijiet tiegħu kollha; iżid li l-inkorporazzjoni parzjali tiegħu f'kapitolu ipotetiku dwar 'L-enerġija' fit-Trattat KE ddgħajjef is-superviżjoni legali ġenerali ta' l-enerġija nukleari fl-Ewropa u tneħħi l-proċeduri speċifiċi ta' kontroll nukleari li llum jinsabu fit-Trattat Euratom;
41. Iżda, jqis li b'mod jew ieħor it-Trattat Euratom jeħtieġ li ssirlu riforma;
42. Iqis li, irrispettivament mill-possibilità li jsiru aġġustamenti f'perjodu ta' żmien qasir, hija meħtieġa reviżjoni komprensiva tat-Trattat Euratom sabiex tagħmel tajjeb għall-iżbilanċ demokratiku u sabiex is-sikurezza komuni u l-kwistjonijiet dwar is-sigurtà jitpoġġew fiċ-ċentru ta' l-attivitajiet nukleari ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri tagħha;
43. Jistieden għal tiġdid tal-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tat-Trattat Euratom, li jippermettu lill-Parlament li jkun involut mill-viċin fil-proċeduri leġislattivi fil-qasam nukleari u li jippermettulu li jikseb aktar trasparenza u biex jinkludi b'mod sħiħ liċ-ċittadini ta' l-Unjoni; għalhekk jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw id-defiċit demokratiku inerenti fit-Trattat Euratom u jestendu l-proċedura ta' kodeċiżjoni għal leġislazzjoni adottata skond it-Trattat;
44. Iqis li dawn il-bidliet jistgħu jsiru permezz ta' l-Artikolu 203 tat-Trattat Euratom, mingħajr ma jkun hemm tfixkil fl-istruttura u l-kontenut ġenerali tat-Trattat; jistieden lill-Kunsill biex iqis din l-opportunità;
45. Jindika l-fatt li fil-kuntest ta' ħtieġa li tiġi aġġustata l-politika Ewropea għall-enerġija u sabiex tkun estiża l-ħajja ta' l-użu ta' l-impjanti ta' l-enerġija, hemm ħtieġa urġenti li tiġi mfassla fil-livell Komunitarju leġislazzjoni soda fl-oqsma tas-sikurezza nukleari, ta' l-immaniġġjar ta' skart radjuattiv u ta' ż-żarmar ta' impjanti nukleari, u li jittieħdu passi biex ikun żgurat li r-riċerka u l-iżvilupp li jippromwovu l-użu sikur ta' l-enerġija nukleari tingħata attenzjoni u appoġġ kemm jista' jkun; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-abbozzi rilevanti tal-proposta leġislattiva tagħha u tressaq proposti ġodda għal direttivi dwar is-sikurezza ta' faċilitajiet nukleari, dwar immaniġġjar ta' l-iskart, u dwar l-għeluq u ż-żarmar ta' faċilitajiet nukleari li jqisu l-prinċipju li 'min iniġġes iħallas';
46. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jeżaminaw din il-kwistjoni kemm jista'

jkun malajr u biex jaħdmu fuqha b'koperazzjoni mill-qrib mal-Parlament;

47. Jitlob li jkun hemm programmi ta' taġħlim u ta' taħriġ f'livell Ewropew fil-qasam nukleari u ta' miżuri biex jiġi żgurat il-finanzjament ta' programmi ambizzjużi ta' riċerka, sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi fl-oqsma tal-fissjoni (sikurezza, immaniġġjar ta' l-iskart, reatturi futuri) u l-protezzjoni kontra r-radjazzjoni u sabiex tkun provduta l-manutenzjoni meħtieġa ta' l-enerġiji xierqa u r-riżorsi umani bil-għan li l-alternattiva nukleari tibqa' miftuħa fuq il-bażi ta' industrija Ewropea sostenibbli u kompetittiva;
48. Jistieden għal mekkaniżmu Ewropew ta' koordinazzjoni ta' l-aħjar prattiki nazzjonali biex jipproteġi l-ħaddiema u l-pubbliku mir-radjazzjoni f'livell Ewropew sabiex jikkumplementa l-armonizzazzjoni diġà miksuba f'dan is-settur bit-Trattat Euratom;
49. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tfassal regolarment, kif jipprovdi t-Trattat Euratom, PINCs li tabilħaqq jantiċipaw miri ta' produzzjoni nukleari u investment, f'kuntest globali ta' żieda fil-kompetizzjoni f'dan is-settur, li għandhom iqisu wkoll l-għanijiet għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass bl-effett serra; jinnota f'dan ir-rigward li l-użu tas-sorsi l-oħra kollha ta' enerġija hija kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali iżda li l-miri (xi drabi anke miri li jorbtu) huma xorta ffissati f'livell Komunitarju, bħal ma hu l-każ ta' enerġiji li jiġġeddu;
50. Jistieden lill-Kunsill, filwaqt li jżomm f'moħħu l-oġġettiv tas-sigurtà tal-provvista u l-miri għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet CO₂, biex jiddefinixxi politika koordinata li tinkoraġixxi l-investment, b'konformità sħiħa ma' rekwiżiti ta' sigurtà, immirati biex jestendu l-ħajja u jtejbu l-ħidma ta' reatturi eżistenti, kif ukoll ta' l-investment f'kapaċitajiet ġodda;
51. Jinnota l-inizjattiva tal-Kunsill li tikkunsidra li jitwaqqaf Grupp Ewropew f'Livell Għoli għas-sikurezza nukleari, is-sigurtà u l-immaniġġjar ta' l-iskart;
52. Jilqa' l-inizjattiva li jitwaqqaf Forum Nukleari Ewropew biex jiffaċilita dibattitu f'livell għoli li jinvolvi lill-politiċi, lill-industrija u lis-soċjetà ċivili;
53. Jistieden biex jiġi mġedded l-irwol ta' l-Aġenzija tal-Provvista Euratom u biex il-poteri mogħtija lilha mit-Trattat Euratom jiġu użati bis-sħiħ; iqis li l-irwol għandu jitqies inqas min-naħa ta' nuqqas fl-uranju u minflok għandu jitqies min-naħa tal-kompetittività u sigurtà tal-provvisti, inkluża l-provvista ta' fjuwil nukleari manifatturat; iqis li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom jagħtuha l-mezzi biex tkun osservatriċi ta' l-enerġija xierqa fil-qasam nukleari, u għal dan l-iskop jinkuraġġixxi l-ħsieb attwali dwar titjib fl-istatus ta' l-Aġenzija tal-Provvista Euratom;
54. Jistieden biex titkompla l-koperazzjoni internazzjonali intensa, li għaliha għamlet xogħol ta' thejġija l-Euratom, u jistieden li jkun hemm tisħiħ ta' koperazzjoni ma' l-IAEA, sabiex jiġi evitat xogħol doppju fl-azzjonijiet rispettivi ta' din l-aġenzija u tal-Euratom, u sabiex jiġi żgurat l-oġħla livell possibbli ta' protezzjoni fl-oqsma tal-protezzjoni kontra r-radjazzjoni, tas-sikurezza nukleari u ta' non-proliferazzjoni nukleari;

55. Jistieden sabiex il-kollaborazzjoni internazzjonali dwar rċerka u żvilupp, bħal dwar il-proġett ITER jew fil-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV, titkompla f'livell għoli;
56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Wara ħamsin sena ta' applikazzjoni tat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "it-Trattat"), u issa li wieħed qed jirrifletti dwar id-definizzjoni ta' politika Ewropea għall-enerġija, ir-rapporteur tiegħek qiegħed ikun mistieden biex iqis jekk it-Trattat illum huwiex adattat għas-sitwazzjoni preżenti ta' l-enerġija nukleari fl-Unjoni Ewropea u jekk jipprovdix l-għodda neċessarja biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-futur dwar l-enerġija.

Għall-ewwel, il-qafas tal-Euratom jidher skadut fil-forma tiegħu, għaliex l-organizzazzjoni istituzzjonali tiegħu ma segwietx l-evoluzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Maħsub fil-bidu bħala strument ta' "integrazzjoni operattiva", jista' sa ċertu punt, jidher bl-istess mod li għadda żmien fil-kontenut, għaliex xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu ma baqgħux jintużaw jew ma baqgħux jiġu applikati b'konformità ma' l-intenzjonijiet tal-bidu tat-Trattat.

Madankollu, ir-rapporteur tiegħek iqis li l-limitazzjonijiet tat-Trattat mhumiex sejr inessu li xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu attwalment għandhom valur aktar minn qatt qabel u li kienu l-oriġni ta' l-adozzjoni ta' ħafna regolamenti mnissla minnhom. Aktar milli huwa trattat "promozzjonali", it-Trattat huwa sett ta' regoli li jillimitaw l-operat ta' l-industrija nukleari. Għalhekk dan ir-rapport jeżamina sa fejn it-Trattat jibqa' jkun il-qafas legali adattat biex jissaħħu r-regoli fl-oqma li għadhom traskurati - bħall-adozzjoni ta' standards komuni dwar is-sikurezza u l-immaniġġjar ta' skart radjuattiv - u jekk ikun possibbli li huwa jikkontribwixxi għall-kompetittività ekonomika ta' l-Ewropa, għall-indipendenza tagħha rigward l-enerġija u għas-sigurtà tal-provvisti tagħha.

I - It-Trattat huwa qafas ippruvat u bbilanċjat għall-iżvilupp ta' industrija nukleari kompetittiva.

- *50 sena ta' inizjattivi u ta' kisbiet ambizzjużi huma prova tal-bilanċ u ta' l-effettività ta' dan it-Trattat.*

- It-Trattat ippermetta li l-enerġija nukleari ssir komponent prinċipali fil-varjetà ta' enerġiji fl-Ewropa, barra minn hekk huwa magħruf illum bħala mezz li jevita l-emissjoni ta' xi 312-il miljun tunnellata ta' CO₂ fis-sena (7% tat-total ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra ta' l-UE).

Bi produzzjoni ta' enerġija li għandha oriġni nukleari ta' aktar minn 920TWh fl-2005, l-UE tirrappreżenta terz tal-kapaċitajiet elettronukleari tad-dinja, li huma stmati għal 2470 TWh. Il-medja Komunitarja tammonta għal 32% ta' elettriku ta' oriġni nukleari u tkopri varjetà wiesgħa ta' sitwazzjonijiet: 15-il Stat Membru għandhom impjanti nukleari li, għal uħud minnhom, huma s-sors ewlieni ta' elettriku tagħhom. L-industrija Ewropea tkopri ċ-ċiklu kollu tal-fjuwil, bl-iżvilupp ta' teknoloġiji lokali (l-arrikkiment tal-fjuwil, disinn tar-reatturi, u l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-fjuwil użat). Ir-rapporteur huwa tal-feħma li dan huwa element partikulari tal-karatteristika nukleari Ewropea, b'mod partikulari fil-kuntest tad-diskussjonijiet internazzjonali attwali dwar 'l-approċċi multilaterali' taċ-ċiklu.

- Dwar is-settur tar-riċerka, l-effett ta' inċentiv tas-sitt JPRD tal-Euratom stabbilixxa li r-riċerka Ewropea tibqa' minn ta' quddiem fid-dinja b'mod partikulari fil-qasam tal-fużjoni kontrollata.

- *Ħafna dispożizzjonijiet tat-Trattat huma evidenza tal-vitalità u ta' l-adattabilità tiegħu.*

– **Tħassib dwar il-ħarsien tas-saħħa sar prijorità**

It-Trattat jistipula li l-EAEC għandha *'tistabbilixxi standards ta' sikurezza uniformi għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali u tiżgura l-applikazzjoni tagħhom'*. Dan il-kapitolu kien il-kawża ta' korp sostanzjali ta' leġislazzjoni miġbura li jikkostitwixxu l-qafas tar-regolamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni radjoloġika: l-adozzjoni ta' 'standards bażiċi' komuni, l-iffissar ta' livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva għall-prodotti ta' l-ikel, arranġamenti ta' skambju ta' informazzjoni u sitwazzjonijiet radjoloġiċi ta' emerġenza, monitoraġġ tar-radjuattività fl-ambjent u ta' l-iskart radjuattiv mill-impjanti nukleari, u l-protezzjoni ta' l-ekwipaġġi ta' l-avjazzjoni ċivili.

– **L-immonitorjar tas-sikurezza tal-materjali nukleari biex jikkumplimenta azzjoni ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika (IAEA)**

Il-Kapitolu VII jistabbilixxi sistema komprensiva ta' kontrolli biex tiżgura li l-minerali u l-materjali fissili speċjali ma jintużawx għajr għall-użi intenzjonati kif dikjarat mill-utenti.

Dan il-kontroll ta' sigurtà, li huwa bbażat fuq sistema ta' dikjarazzjoni ta' kontijiet għal materjali fil-pussess ta' l-operaturi, jitħaddem flimkien ma' l-iskema ta' *Salvagwardji* li tapplika l-IAEA fil-kuntest ta' ftehimiet bejn tliet partijiet konklużi ma' l-Istati Membri u l-Komunità Euratom. Fil-kuntest tat-tiżiħ ta' l-iskema ta' non-proliferazzjoni bil-konklużjoni fl-1998 tal-Protokoll Addizzjonali għal dawn il-ftehimiet ta' salvagwardja, il-Euratom tgħaddi regolarment lill-IAEA reġistri tal-kontijiet dwar il-materjali nukleari fil-pussess ta' l-Istati Membri. Ir-rapporteur iquis li dawn iż-żewġ sistemi ppruvaw il-karatteristika kumplimentari tagħhom, u jekk jeħtieġ li jkun imfittex titjib, dan għandu jkun fil-kuntest tal-mod Prattiku tal-metodi ta' skambju għal investigazzjoni u l-kondotta ta' ispezzjonijiet, biex jiġi evitat kull sforz doppju.

– **Politika esterna intensa li b'mod prammatiku, għamlet tajjeb għan-nuqqasijiet tat-Trattat Euratom**

Il-Euratom, fil-qafas tar-responsabbiltajiet tiegħu, żviluppa netwerk sostanzjali ta' ftehimiet internazzjonali:

– ma' organizzazzjonijiet internazzjonali: il-Euratom issieħeb fil-parti l-kbira tal-konvenzjonijiet adottati taħt l-aegis ta' l-IAEA. Din l-approċċ kumplimentari huwa riżultat tal-fatt li rakkomandazzjonijiet, trattati u ftehimiet imfassla mill-IAEA jaqblu mal-politiki korrispondenti tal-Euratom, li l-istatut tiegħu ta' osservatur fl-IAEA ippermettielu jistabbilixxi relazzjonijiet informati permezz ta' sħubija attiva.

– fuq bażi bilaterali: f'sens storiku, ir-relazzjonijiet tal-Euratom ikkonċentraw fuq ftehimiet mat-tliet fornituri l-kbar tiegħu ta' materjali u teknoloġiji nukleari: il-Kanada, l-Awstralja, u l-Istati Uniti, u dawn il-ftehimiet wara ġew estiżi biex jinkludu l-oqsma tas-sikurezza u tar-riċerka nukleari. Dawn il-ftehimiet illum huma aktar ftehimiet ta' koperazzjoni reċiproka xierqa (mal-Ġappun, l-Arġentina, il-Każachstan, u l-Ukrajna) fl-oqsma tas-sikurezza, tal-kontroll tal-materjali nukleari, tal-għlieda kontra t-traffikar tagħhom, u tar-riċerka rigward il-

fużjoni nukleari kontrollata (skond il-qafas legali ta' l-ITER). Huwa wkoll riżultat tal-kapitolu dwar ir-relazzjonijiet esterni li l-Euratom kellu l-irwol attiv ħafna fl-istadji suċċessivi ta' tkabbir (fil-programm PHARE).

Ir-rapporteur iqis li dan huwa wieħed mill-aspetti ewlenin tas-sistema Euratom, u li bil-vitalità proprja tagħha huwa prova ta' kemm għadu attwali t-Trattat.

II – Iżda adattament legali mhux xieraq u xi nuqqasijiet huma kawża ta' xi punti dgħajfa apparenti tal-Euratom.

– Id-defiċit demokratiku

L-iżbilanċ istituzzjonali jrid jiġi rimedjat favur il-Parlament u lil dan ta' l-aħħar għanda tiġi rikonoxxuta s-setgħa ta' kodeċiżjoni fil-kwistjonijiet li jikkonċernaw it-Trattat. Ir-rapporteur jenfasizza l-importanza mhux negliġibbli tal-kontribut tal-Parlament. Anke jekk ġie ikkonsultat biss, l-intervent tiegħu fid-dibattiti kien pruvat bħala deċiżiv f'diversi okkażjonijiet, kemm jekk kien il-każ ta' sitwazzjonijiet li jilħqu punt ta' staġnar dwar l-adozzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Euratom, jew matul in-negożjati dwar id-Direttiva ta' Trasferimenti jew permezz ta' l-emendi tiegħu għall-Istrument dwar il-Koperazzjoni Nukleari.

– L-adozzjoni ta' l-istandards ta' sikurezza komuni fi ħdan l-UE, l-immaniġġjar ta' l-iskart radjuattiv, u s-sigurtà tal-finanzjament ta' spejjeż fuq perjodu ta' żmien fit-tul

Proposta għal regolament tressqet fl-2003 biex jiġu ddefiniti prinċipji ta' organizzazzjoni għall-immaniġġjar xieraq tas-sikurezza u biex jiġu mmobilizzati r-riżorsi finanzjarji suffiċjenti għat-tħaddim u l-għeluq ta' l-impjanti. Fin-nuqqas ta' kunsens, il-Kunsill adotta fl-2004 proċess ta' konverġenza għal Pjan ta' Azzjoni sa l-2006, ibbażat fuq formazzjoni ad hoc, il-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Sikurezza Nukleari (WPNS).

Ir-rapporteur jinnota li r-rakkomandazzjonijiet ta' dan il-Grupp jaqblu ma' dawk tal-Proġett PINC imħabbra fl-10 ta' Jannar 2007 u jqis li għallinqas għandha tiġi appoġġjata l-idea li jitwaqqaf Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza Nukleari. Biex titfassal leġiżlazzjoni dwar dawn l-oqsma ma hemmx bżonn li t-Trattat jiġi rivedut drastikament, għaliex l-Artikolu 203 tiegħu joffri bażi legali xierqa biex jiġu adottati miżuri ġodda.

III - It-Trattat għandu jippermettilna biex nilħqu l-isfidi tal-futur dwar l-enerġija

Jekk l-istrumenti intenzjonati biex jissalvagwardjaw l-iżvilupp ta' l-enerġija nukleari ma ffunzjonawx tajjeb kif kienu jittamaw il-fundaturi tat-Trattat, ir-rapporteur iqis li m'hemmx dubju dwar il-futur tat-Trattat u issa jeħtieġ li jiġu effettwati d-dispożizzjonijiet eżistenti tiegħu.

– Il-programmi indikattivi nukleari komuni (PINC)s

Bosta PINCs ġew ippubblikati mill-Kummissjoni fl-1966, fl-1972, fl-1984, fl-1990 u fl-1997. Ir-rapporteur jiddeplora l-fatt li l-karattru volontarju u ta' programmar ta' l-PINC m'għadux fis-seħħ u li l-irwol tal-programm ma kienx sfruttat kif mistenni.

Ir-rapporteur jinnota li l-aħħar proġett tal-PINC fil-futur qrib ma jidhirx li se jstabilixxi ħsieb li jħares 'il quddiem għal adattament tal-kapaċitajiet industrijali nukleari għall-miri tal-

politika Komunitarja dwar l-enerġija, jew għall-investimenti meħtieġa għall-istrutturi ta' l-R&D fl-oqsma tas-sikurezza nukleari u l-immaniġġjar ta' l-iskart radjuattiv. Jekk ikun hemm bżonn, ir-rapporteur jirrakkomanda li din l-evalwazzjoni lu tħares 'il quddiem għandha tipprevedi wkoll l-għodod meħtieġa biex titwettaq (b'mod partikulari permezz ta' self tal-Euratom).

– **Is-setgħat ta' l-Aġenzija għall-Provvista jridu jiġu attivati mill-ġdid fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni tas-suq**

L-għan tal-Euratom huwa li jiżgura l-provvista regolari u ġusta ta' minerali u fjuwils nukleari għall-utenti kollha tal-Komunità (il-Euratom għandha d-dritt esklussiv li tikkonkludi kuntratti għall-provvista ta' materjali nukleari, dritt għal alternattiva fuq il-minerali u materjali fissili prodotti fit-territorju ta' l-Istati Membri, u l-organizzazzjoni fuq bażi kummerċjali ta' l-Aġenzija għall-Provvista).

Fil-fatt, is-setgħat ta' l-Aġenzija ġew imnaqqsa fil-każ tad-dritt esklussiv tagħha li tikkonkludi ftehimiet, u xi Stati Membri stabbilew proċeduri simplifikati ma' l-Aġenzija, bir-riżultat li din illum hija limitata għall-irwol ta' reġistrazzjoni. L-iskop ta' l-Aġenzija irid jiġi attivat mill-ġdid, bil-mira li jiġu żgurati l-provvisti ta' l-enerġija.

Bħal diversi kapitoli oħra tat-Trattat, l-aġġornar tiegħu jista' jsir b'metodu Prattiku, peress li dan jinkludi mekkaniżmu tiegħu stess għar-reviżjoni. Ir-rapporteur iqis din bħala opportunità li jbidduha f'osservatorju ta' l-enerġija nukleari, bi qbil mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-politika Ewropea għall-enerġija.

Konklużjonijiet dwar id-dibattitu istituzzjonali u l-futur tat-Trattat

Għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmijin hawn fuq, ir-rapporteur jikkonkludi li:

- it-Trattat jeħtieġ li jkun konsolidat, qabel kolloxx għaliex ta prova ta' l-effettività tiegħu u għaliex hemm hteġa li jitqies fix-xenarji differenti dwar l-enerġija tal-kontribut ta' l-enerġija nukleari għas-sigurtà tal-provvista u għall-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima;
- l-apparat istituzzjonali tal-Euratom għandu jpoġġi lill-Parlament mill-ġdid fil-qalba tan-negozjati;
- l-implimentazzjoni tat-Trattat għandha tkopri b'urġenza oqsma ġodda ta' attività u l-bażijiet għal dawn l-aġġustamenti jeżistu diġà fit-Trattat;
- it-Trattat għandu jipprovdi l-kundizzjonijiet mitluba għall-finanzjament ta' l-R&D fl-oqsma tas-sikurezza, ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart radjuattiv u tal-ġenerazzjonijiet futuri ta' reatturi, u jiżviluppa programmi ta' taġlim u ta' taħriġ, li jiggarrantixxu l-post ta' l-enerġija nukleari fit-taħlita ta' l-enerġija;
- it-Trattat għandu jgħin għad-definizzjoni ta' politika koordinata u li tteġġeg l-investment: jiddisponi bl-għodod xierqa biex jiżgura li s-suq jiġi mmonitorjat, u biex jirrakkomanda ż-żamma tal-kundizzjonijiet neċessarji għat-twettiq tal-politika ta' l-UE dwar l-enerġija.

23.3.2007

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-evalwazzjoni ta' l-Euratom - 50 sena ta' politika Ewropea għall-enerġija nukleari (2006/2230(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Johannes Voggenhuber

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. billi, għalkemm it-Trattati ta' l-UE kemm-il darba saritilhom reviżjoni bir-reqqa fid-dawl ta' ħtiġijiet u sfidi ġodda, it-Trattat Euratom ġie emendat darba biss¹ f'50 sena storja u fl-istess ħin, id-dispożizzjonijiet ewlenin u s-sustanza ewlenija baqgħu kif kienu,
- B. billi, għalkemm it-Trattat Euratom ġie biss modifikat kemm kemm f'dawn l-aħħar 50 sena, hu għab miegħu volum sostanzjali ta' leġislazzjoni sekondarja fuq l-istess perjodu ta' żmien u kien is-suġġett ta' numru konsiderevoli ta' sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li, pereżempju, wessgħu b'mod sostanzjali l-iskop oriġinali tat-Trattat,
- C. billi t-tkabbir riċenti żied id-diversità fl-aspetti ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' l-enerġija nukleari u l-bżonn ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam nukleari, billi 11 mis-27 Stat Membru qatt ma kellhom impjanti nukleari għall-enerġija fit-territorju tagħhom; u billi l-Italja abbandunat il-ġenerazzjoni ta' l-elettriku permezz ta' l-enerġija nukleari, u l-Belġju, il-Ġermanja, l-Olanda u l-Iżvezja ddeċidew li jagħmlu pass simili,
- D. billi, sa mit-18 ta' Ġunju 1998, fir-riżoluzzjoni tiegħu bit-titolu "Riżoluzzjoni dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Enerġija għall-futur: sorsi li jiġġeddu ta' l-enerġija – White Paper għal Strateġija u Pjan ta' Azzjoni Komunitarju", il-Parlament appella lill-Kunsill biex "waqt reviżjoni futura tat-Trattat UE, jinkorpora fit-Trattat, kapitolu ddedikat lill-enerġija, b'kunsiderazzjoni xierqa tittieħed għall-promozzjoni ta' sorsi li jiġġeddu ta' l-

¹ Permezz tat-Trattat għal Unjoni Ewropea ffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992.

enerġija sabiex jiġi żgurat li tiġi implimentata fuq livell Ewropew politika għall-enerġija permanenti u ambjentalment soda¹,

- E. billi, fl-abbozz tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa (it-Trattat Kostituzzjonali) il-Konvenzjoni pproponiet li t-Trattat Euratom għandu jkun isseparat mill-istruttura legali tal-Kostituzzjoni futura; billi l-Konvenzjoni, fix-xogħol tagħha dwar il-futur ta' l-Unjoni Ewropea u l-iffirmar tat-Trattat Kostituzzjonali, żammet id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom fl-istat attwali f'forma ta' protokoll anness,
 - F. billi fir-risoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Settembru 2003 bit-titolu "Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u fl-opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-laqgħa tal-Konferenza Intergovernattiva (IGC)", il-Parlament ħeġġeġ lill-IGC sabiex "tlaqqa' konferenza għar-reviżjoni tat-Trattat sabiex jitħassru dispożizzjonijiet skaduti tat-Trattat Euratom, speċjalment dawk relatati mal-promozzjoni ta' l-enerġija nukleari u man-nuqqas ta' proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet"²,
 - G. billi l-Ġermanja, l-Irlanda, l-Awstrija, l-Ungerija u l-Iżvezja żiedu dikjarazzjoni mat-Trattat Kostituzzjonali li tgħid li d-dispożizzjonijiet ewlenin tat-Trattat Euratom jeħtieġ li jiġu aġġornati u jappellaw biex titlaqqa' "kemm jista' jkun malajr" konferenza għal reviżjoni,
 - H. billi t-Trattat Euratom daħħal standards ta' sikurezza strinġenti għall-immaniġġjar ta' elementi u skart ta' fjuwil radjoattiv fl-Unjoni Ewropea, jistabbilixxi standards ta' sikurezza uniformi għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku, kif ukoll proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards, u jopponi kull proliferazzjoni ta' materjal nukleari għal skopijiet militari,
1. Jinnota li l-aspettattivi fir-rigward ta' l-enerġija nukleari, għal liema t-Trattat Euratom esprima lill-nniffsu ħamsin sena ilu, inbiddu; jinnota li issa dawk l-aspettattivi iktar jirrelataw mal-bżonn li jkun hemm, f'forma tat-Trattat Euratom, qafas legali sod biex imexxi s-superviżjoni ta' l-użu ta' l-enerġija nukleari fl-Unjoni Ewropea u biex jipprovdi qafas għall-integrazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' pajjiżi li jużaw l-enerġija nukleari, permezz tat-traspożizzjoni ta' l-acquis communautaire ta' l-Euratom; jirrikonoxxi li kapitoli sinifikanti fit-Titolu II tat-Trattat Euratom għamli possibbli l-ħarsien tal-pubbliku, tal-ħaddiema u ta' l-ambjent minn radjazzjoni ionizzata (Kapitolu 3), l-iżvilupp ta' riċerka fl-oqsma ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart u tas-sikurezza ta' l-impjanti (Kapitolu 1) u biex jiġu implimentati salvagwardji fir-rigward ta' materjali fissili fl-Ewropa (Kapitolu7);
 2. Jara bħala evidenza ta' defiċit demokratiku mhux aċċettabbli l-fatt li l-Parlament hu kważi kompletament eskluż mill-proċess leġiżlattiv ta' l-Euratom u li hu ikkonsultat biss u xejn iktar, fuq wieħed mill-għaxar kapitoli tat-Trattat Euratom;
 3. Jirrimarka li minkejja t-ton promozzjonali tal-preambolu tiegħu, it-Trattat Euratom ma jirrikjedix lil kwalunkwe Stat Membru biex jiżviluppa l-għażla nukleari fit-territorju

¹ ĠU C 210, 6.7.1998, p. 215, paragrafu 39.

² ĠU C 77 E, 26.3.2004, p. 255, paragrafu 14.

tiegħu, biex b'hekk jiġi rispettata id-dritt ta' l-Istati Membri biex jiżviluppaw l-mixxela tagħhom ta' forom ta' enerġija;

4. Jiġbed l-attenzjoni għat-Trattat ta' Amsterdam ta' Mejju 1999, li jiggarantixxi d-dritt ta' kodeċiżjoni tal-Parlament; jiddispjaċih li l-estensjoni tas-setgħat tal-Parlament, u b' mod partikulari l-estensjoni tagħhom biex jinkludu setgħat ta' kodeċiżjoni fil-maġġoranza tal-proċeduri leġiżlattivi Komunitarji, ma ġietx ikkunsidrata fit-Trattat Euratom; jikkunsidra li, minkejja n-natura teknika tat-Trattat, il-Parlament għandu jiġi involut formalment fit-testi li l-bażi legali tagħhom hu t-Trattat Euratom;
5. Jenfasizza li t-Trattat Euratom ma jfixkilx l-iżvilupp ta' suq intern ta' l-elettriku u, huwa inqas ta' ostaklu għall-moviment ħieles ta' prodotti, persuni u kapital; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-liġi ordinarja mfassla mit-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Trattat KE) tapplika għal attivitajiet nukleari u jinnota, permezz ta' eżempju, li l-moviment ta' materjal, tagħmir u teknoloġiji nukleari ġewwa u barra l-Unjoni Ewropea hu kopert minn regoli dwar is-superviżjoni ta' prodotti b' użu doppju, adottati fuq il-bażi tal-politika kummerċjali mfassla fit-Trattat KE; iżid li l-leġiżlazzjoni ta' l-Euratom hi suġġetta għal-liġi dwar il-kompetizzjoni u għal regolamenti dwar l-għajnuna mill-Istat, kif hemm speċifikat fit-Titolu VI tat-Trattat KE; għalhekk jikkonkludi li t-Trattat Euratom bl-ebda mod ma jirrappreżenta qafas ta' protezzjoni għall-enerġija nukleari;
6. Itenni l-appell tiegħu biex titlaqqa' konferenza intergovernattiva biex twettaq reviżjoni komprensiva tat-Trattat Euratom, biex tħassar dispożizzjonijiet skaduti ta' dan it-Trattat, biex iżżomm reġim regolatorju ta' l-industrija nukleari fuq livell ta' UE, biex fid-dawl ta' politika għall-enerġija moderna u sostenibbli tirrevedi d-dispożizzjonijiet li jibqa' u biex tinkorporahom fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa f'kapitolu separat dwar l-enerġija;
7. Jikkunsidra li, irrispettivament mid-diversità ta' prospettivi dwar l-enerġija nukleari, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom għenu biex tiġi evitata proliferazzjoni ta' materjali nukleari, u d-dispożizzjonijiet li jindirizzaw is-saħħa, is-sikurezza u l-protezzjoni ta' kontaminazzjoni radjoattiva, u kienu ta' benefiċċju kbir u għandhom jiġu kkoordinati b'reqqa mad-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza tat-Trattat KE.

PROĊEDURA

| | | |
|---|---|--------------|
| Titolu | L-evalwazzjoni ta' l-Euratom - 50 sena ta' politika Ewropea dwar l-enerġija nukleari | |
| Proċedura numru | 2006/2230(INI) | |
| Kumitat responsabbli | ITRE | |
| Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFCO 12.10.2006 | |
| Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | | |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Johannes Voggenhuber 4.10.2006 | |
| Rapporteur għal opinjoni preċedenti | | |
| Eżami fil-kumitat | 22.1.2007 | 1.3.2007 |
| Data ta' l-adozzjoni | 19.3.2007 | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: | 17 0 2 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Philip Dimitrov Dimitrov, Andrew Duff, Maria da Assunção Esteves, Bronisław Geremek, Anneli Jäätteenmäki, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Jo Leinen, Íñigo Méndez de Vigo, Rihards Pīks, Johannes Voggenhuber | |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Pervenche Berès, Georgi Bliznashki, Elmar Brok, Carlos Carnero González, Gérard Onesta, Georgios Papastamkos, Bogdan Pęk, György Schöpflin, Alexander Stubb | |
| Sostitut(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali | | |
| Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss) | | |

PROĊEDURA

| | | | | |
|--|--|-----------|-----------|-----------|
| Title | L-evalwazzjoni ta' l-Euratom - 50 sena ta' Politika Ewropea dwar l-Enerġija Nukleari | | | |
| Numru tal-proċedura | 2006/2230(INI) | | | |
| Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE 28.9.2006 | | | |
| Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFCO 12.10.2006 | | | |
| Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni | | | | |
| Koperazzjoni aktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | | | | |
| Rapporteur(s) Data tal-ħatra | Eugenijus Maldeikis 12.9.2006 | | | |
| Rapporteur(s) preċedenti | | | | |
| Diskussjoni fil-kumitat | 19.12.2006 | 30.1.2007 | 26.2.2007 | 26.3.2007 |
| Data ta' l-adozzjoni | 27.3.2007 | | | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | + 41 - 4 0 4 | | | |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | John Attard-Montalto, Jan Březina, Philippe Busquin, Jerzy Buzek, Giles Chichester, Jorgo Chatzimarkakis, Silvia Ciornei, Pilar del Castillo Vera, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, András Gyürk, Fiona Hall, Rebecca Harms, Erna Hennicot-Schoepges, Ján Hudacký, Mary Honeyball, Anne Laperrouze, Romana Jordan Cizelj, Eugenijus Maldeikis, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Atanas Papanizov, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Radu Țîrle, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis, Alejo Vidal-Quadras | | | |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Alexander Alvaro, Konstantin Dimitrov, Avril Doyle, Robert Goebbels, Satu Hassi, Edit Herczog, Eija-Riitta Korhola, Esko Seppänen, Hannes Swoboda, Lambert van Nistelrooij | | | |
| Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali) | Gintaras Didžiokas | | | |
| Data tat-tressiq | 4.4.2007 | | | |
| Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU. | | | | |